# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' Lulju 2025**

**Nru: 9**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1212/2022**

## Arthur Gauci bħala mandatarju ta' Urban Future Organization Srl

**v**

## Gillieru Harbour Hotels Limited

**Daħla**

1. Fir-rikors maħluf, Urban Future Organization Srl ("UFO") tgħid li hi tqabbdet minn Gillieru Harbour Hotels Limited ("GHH") biex tagħti lil GHH servizzi professjonali ta' arkitettura fi proġett ta' bini ta' lukanda 'Gillieru Harbour Hotel'. Tkompli tgħid li s-servizzi ngħataw, li kellha titħallas is-somma miftehma ta' €20,000 għas-servizzi, u li l-ħlas ma sarx.

2. Fl-istess rikors, UFO tgħid li kienet interpellat lil GHH tersaq għall-ħlas bosta drabi, fosthom permezz tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Awwissu 2021 (Dok B, paġni 9 – 10); u li GHH baqgħet ma ħallsitx.

3. UFO kienet talbet li l-kawża tagħha tinstema' u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, iżda din it-talba kienet ġiet miċħuda (ara verbal tal-1 ta' Marzu 2023).

4. Fir-risposta maħlufa tagħha, GHH qalet li hi mhix il-persuna li għandha tirrispondi għat-talbiet ta' UFO; li f'kull każ m'għandha tagħti xejn lil UFO; li f'kull każ UFO naqset li tagħti b'mod konkret is-servizz li tiegħu qegħda titlob ħlas; u mingħajr preġudizzju ukoll, li l-ammont mitlub mhux dovut, jew kollu jew parti minnu.

**Min qabbad lil UFO**

5. Ma hemmx kwistjoni li UFO kienet tqabbdet biex tagħmel disinji arkitettoniċi fir-rigward ta' proġett ta' tkabbir maħsub għal-lukanda Gillieru. Iżda ma hemmx qbil dwar jekk, meta tqabbdet, kienx hemm ftehim li kellu jsir ħlas għad-disinji (kif tgħid UFO) jew jekk UFO kienitx aċċettat li tagħmel proposti li, jekk kellhom jintogħġbu, kienu jwasslu għal kuntrattazzjoni fil-futur (kif jgħid is-sur Cremona, xhud ta' GHH, u kif tgħid l-istess GHH). Ukoll, jekk saritx kuntrattazzjoni kif tgħid UFO, ma hemmx ftehim dwar il-kontenut tal-kuntratt (x'kienu s-servizzi, u x'kien il-ftehim finanzjarju).

6. F'kull każ, u iktar importanti għall-finijiet preżenti, ma hemmx ftehim dwar min kien qabbad lil UFO.

*Il-verżjoni kif tressqet min-naħa ta' GHH*

7. Kif rajna, UFO tgħid, fir-rikors tagħha, li hi tqabbdet minn GHH, mentri GHH tgħid li dan ma kienx minnu. GHH ma qalitx, fir-risposta, min kien ikkuntratta ma UFO, jekk saret kuntrattazzjoni.

8. Iżda ix-xhud imressaq minnha, is-sur Stephen Cremona, qal hekk fl-affidavit tiegħu:

> "[i]l-proprjetà in kwistjoni ma tappartjenix lil Gillieru Harbour Hotel Limited. Din il-kumpanija ilha ma topera madwar sitt snin u qatt ma dahlet fl-ebda ftehim. Dan qed nghidu biex nippuntwalizza l-kwistjoni ghaliex kif ghidt, jien qatt ma kelli ebda ftehim ma Urban

> Future Organization Srl. lanqas b'xi kumpanija. Bhala fatt pero Gillieru Harbour Hotel Limited ma ghandha taghtihom xejn u kif ghidt din tinsab *dormant.*"[1]

9. Waqt il-kontro-eżami tiegħu is-sur Cremona qal li kien hu, personalment, il-persuna li effettivament kien tħaddet ma UFO, bl-implikazzjoni li jekk jitqies li dawk it-taħdidiet wasslu għal kuntratt, allura hu kien il-kontroparti ta' UFO.[2] Żied iżda li kellu jmur lura għand 'il-kumpanija', li donnha tindika li ried li, eventwalment, l-kuntrattazzjoni ssir ma dik il-kumpannija (jew li l-kuntratt jgħaddi fuqha).[3] Magħfus biex jirrispondi dwar isimha l-ewwel qal li UFO ma kienux jafu ma jgħidu ftehmu, u wara qal li, min-naħa tiegħu, hu kien bi ħsiebu jmur għand Gillieru Holdings Limited.[4] F'mument minnhom qal – fi skambju li jfakkar ftit f'wieħed storikament ftit iktar importanti – hekk:

> Avukat: Ngħiduha kif inhi issa, int kont qed titkellem mal-Urban Futures bħala rappreżentant ta' Gillieru Holdings.
>
> Xhud: Jekk trid tgħid hekk

10. Iżda eżattament wara reġa qal li, fl-istadju tad-diskussjoni ma UFO, kien qed jidher f'ismu u li l-kumpannija li, eventwalment, kienet sejra tidħol għall-kuntratt, f'każ li jiġi miftiehem, kienet għadha ma ġietx identifikata.

*Il-każ ta' UFO*

11. Il-proċeduri biex UFO tiġbor is-somma li tgħid li għandha tieħu bdew fid-9 t'Awwissu 2021 b'ittra uffiċjali mressqa skont l-artikolu 166A tal-Kap. 12,[5] awtorizżata b'riżoluzzjoni tal-5 t'Awwissu 2021.[6] L-ittra kienet indirizzata lill-kumpannija attriċi, lil Gillieru Catering Company Limited, Gillieru Holdings Limited, Gillieru Investments P.L.C, Gillieru Limited, Gillieru Restaurant Ltd u Stephen Cremona. It-talba kienet għal ħlas 'għas-servizzi professjonali ta' arkitettura rezi lilkom' fir-rigward tal-Gillieru Hotel. Ir-

---

[1] Paragrafu 9, paġna 172
[2] Traskrizzjoni, paġna 195; ara ukoll paġni 196 sa 198
[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*
[5] Dok B, paġni 6 - 7
[6] Dok A, paġna 5

rizoluzzjoni kienet dwar dejn dovut minn 'Gillieru Harbour Hotel Ltd and/or one of its associated companies and/or Mr Stephen Cremona'.[7]

12. Meta tressqet il-kawża – li, kif rajna, tressqet b'talba li tinqata' mingħajr smigħ – UFO għażlet li tressaqha biss kontra Gillieru Harbour Hotels Limited. Il-kumpannija l-oħra li ssemmew fl-ittra uffiċjali u Stephen Cremona – li skont ma ntqal (bil-ġurament) fiha – ukoll kienu qabbdu lil UFO, ma ġewx imħarrka.

13. Għaliex UFO għażlet li tressaq il-kawża bil-mod li ressqitha ma ġiex spjegat b'mod ċar, lanqas wara li tressqet ir-risposta. Jista' forsi jinftiehem, min dak li jingħad fl-'affidavits' ta' Claudio Lucchesi u Francesco Giordano, li dan kien għaliex, skont ma qalu, il-lukanda kienet proprjetà ta' GHH. Iżda ta' dan ma ressqux prova għajr għall-kelma tagħhom (jekk din tista' titqies prova f'dan il-każ);[8] Kif rajna, is-Cremona jiċħdu dan, u kien għalhekk għal UFO li tressaq prova kuntrarja anki, li kieku riedet, waqt il-kontro-eżami tiegħu.[9]

14. Dejjem li kieku kellhom jitqiesu provi, dak li jgħidu Claudio Lucchesi u Francesco Giordano lanqas jindirizzaw sew il-kwistjoni mqajjma fl-ewwel eċċezzjoni. Mkien ma jgħidu li meta ftehmu mas-sur Cremona kien ċar li l-ftehim kien ma GHH. L-iktar li jgħidu hu li, fil-bidu, il-kuntatt sar magħhom minn Darren Sciberras li talabhom jaħdmu flimkien fuq il-lukanda li (dejjem skont ma qalu) kienet proprjetà ta' GHH. Dan ma jfissirx, anki kieku kien minnu li l-Perit Sciberras qalihom hekk,[10] li meta ltaqgħu mas-sur Cremona, li l-ftehim kien sar miegħu f'isem dik il-kumpannija. Dan imkien ma jgħiduh.

---

[7] Ir-risposta għall-ittra uffiċjali (paġna 12) mhix ta' wisq għajnuna, għaliex fiha t-talba ġiet miċħuda b'mod ġeneriku u assolut, mingħajr spjegazzjoni

[8] Ara paġni 46 u 106. Tqajjmet kwistjoni, waqt it-trattazzjoni finali, kemm dawn id-dokumenti (u dak ta' Andrew Yau) jistgħu jitqiesu affidavits għaliex ma jidher imkien li ngħata l-ġurament u għal raġunijiet oħra. Il-qorti m'għandhiex għalfejn tiddeċiedi dwar dawn il-punti, iżda trid tgħid li kien ikun ferm aħjar li kieku tqajjmu f'waqthom, u mhux fl-aħħar minuta.

[9] Artikolu 585 tal-Kap. 12.

[10] Mhux kontestat li kien il-Perit Sciberras li introduċa lil UFO. Naturalment ikun qalilhom dwar il-lukanda u, wieħed jista' anki jassumi dwar il-familja Cremona. Inqas probabbli hu, f'dak l-istadju bikri, li qalilhom min kienet is-sid tal-lukanda (possibilment skorrettement), jew li xi ħadd ftakar f'dak id-diskors kważi ħames snin wara l-fatt.

**Sejbien**

15. Il-qorti ma tistax ħlief issib li, jekk kien hemm ftehim, il-provi ma jwasslux għall-konklużjoni li dak il-ftehim kien ma GHH. UFO kienet inkonsistenti fil-mod kif ressqet it-talba l-ewwel permezz tal-ittra uffiċjali (ġuramentata) tagħha u, wara, f'din il-kawża; fattur li jindika li hi stess xejn ma kienet ċerta, sa Awwissu 2021, ma min kienet ikkuntrattat. Ukoll, ma ressqet l-ebda prova f'din il-kawża li setgħet, fl-ewwel lok, tispjega dak in-nuqqas ta' ċertezza u, fit-tieni lok, turi li, fil-fatt, ir-relazzjoni kienet ma' GHH: lanqas l-'affidavits' tar-rappreżentanti ta' UFO ma jgħidu hekk.

16. Min-naħa l-oħra, hemm il-pożizzjoni konsistenti, anki jekk mhux dejjem ċara krsistall, ta' GHH, li hi ma kienitx parti la għal kuntratt u lanqas għal diskussjonijiet ma' UFO, u ressqet prova li Saviour Cremona, direttur tagħha, ma kienx qed jiddiskuti (jew, jekk għandha raġun UFO, jikkuntratta) f'isimha, imma f'ismu personali. Veru li GHH qalet ukoll li hi *dormant* u li l-Perit Mugliett, waqt il-kontro-eżami, qal li, jekk jiftakar sew, id-ditta tiegħu tħallset minn GHH.[11] Imma dan, jekk inhu minnu (għaliex ma tressqet l-ebda prova għajr il-kelma tiegħu), ifisser biss li GHH ma kienitx *dormant* u li kkuntrattat mal-Perit Mugliett u mal-Perit Sciberras, jew li assumiet l-obbligu li tħallashom: iċ-ċirkostanzi tal-ħlas xejn ma huma ċari. Ma jistax, minn daqshekk biss, jiġi estrapolat li, ħafna qabel, GHH ikkuntrattatat ma' UFO ukoll, speċjalment meta dan lanqas ir-rappreżentanti ta' UFO ma jgħiduh.

17. Jingħad fl-aħħar li fi skambju waqt il-kontro-eżami ta' Saviour Cremona li saret referenza għalih iktar 'l fuq, ġie suġġerit lilu li hu kien qed jidher għal Gillieru Holdings Limited. Dan is-suġġeriment, li naturalment sar f'isem UFO, ma jistax jiġi rikonċiljat ma' l-allegazzjoni fir-rikors li s-sur Cremona kien qed jidher ghal GHH.

---

[11] Traskrizzjoni, paġna 26

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti ma tistax ħlief tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' GHH u tiċħad it-talbiet ta' UFO.

L-ispejjeż tħallashom UFO.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur